MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1110/2004

**Untours Insurance Agency Limited ghal Qatar Insurance Company surrogata fid-driittijiet ta' Edwin Friggieri u l-istess Edwin Friggieri**

**vs**

**Henry Farrugia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm423.00) rapprezentanti danni kaguanti f'incident awtomobilistiku tat-13 ta' Jannar 2004 bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BEE 111 misjuqa minn Diane Ellul u l-vettura bin-numru KAB 126 misjuqa mill-konvenut ghall-liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli.

BL-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Aviz ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subuzzjoni..

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-konvenut izda btort tas-sewwieqa Diane Ellul, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk il-konveut m'ghandux ikun ikkundannat ihallas ebda danni.
2. L-atturi jridu jaghmlu l-prova tad-danni rejalment sofferti minnhom.
3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Sema' x-xhieda ta' Mario Mifsud, Diane Elllul, Carmen Friggieri u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Jannar 2004, fi School Street, l-Imsida bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BEE 111 misjuqa minn Diane Ellul, propjeta tal-attur Edwin Friggieri u assikurata taht polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAB 136 misjuqa mill-konvenut.

Diane Ellul tghd li dakinhar tal-incident hija kienet qed issuq il-vettura taghha fi School Street, l-Imsida, precizament f'dik il-parti tat-triq fejn hemm l-iskola u kienet sejra lejn Imsida Circus. Hija tispjega li l-vettura tal-konvenut kienet gejja minn warajha, bdiet taqlaghha izda peress li kienet niezla vettura mid-direzzjoni opposta il-konvenut prova jevita lil din il-vettura u ghalhekk dahal quddiem il-karozza ta' Ellul u laqatha fil-*headlamp* u l-*bumper* ta quddiem ma-naha tad-*driver*. Kien biss in kontro-ezami li Diiane Ellul qalet li hija effettivament kienet daret mal-iskola ghal gewwa School street fis-ens illi hija

daret minn St. Louis Street ghal School Street biex tibqa' tiela' ghal Imsida Circus. Hija tghid li kienet imxiet tul ta' madwar hames vetturi fi School Street meta qalghet id-daqqa.

Il-konvenut min-naha l-ohra xehed li huwa kien qed isuq fi School Street tiela' lejn imsida Circus u huwa kien diga' qabez it-triq laterali meta il-vettura misjuqa minn Diane Ellul harget mill-imdemmija triq laterali fejn hemm il-banka tal-lottu (St. Louis Street) u laqtitu man-naha tax-xellug min-nofs lura. Huwa jghid li ma kienux gejjin vetturi mid-direzzjoni opposta u li wara l-incident sema' lil Ellul tghid lill-passiggiera li kellha maghha li ma kienux ser jilhqu l-appuntament li kellhom mat-tabib. Il-konvenut jghid li huwa waqaf mal-ewwel mad-daqqa.

Jidher evidenti miz-zewg verzjonijiet appena riportati illi hemm varji diskrepanzi bejn il-verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa nvoluti fl-incident de quo. Wara li ezamina bir-reqqa dawn iz-zewg verzjonijiet kif ukoll il-verzjonijiet moghtija *a tempo vergine*  u r-*rough sketch* kontenut fil-*Front to Rear Form*, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-konvenut hija dik veritjera Mill-*Front to Rear Form* fil-fatt jirrizulta li *a tempo vergine* Diane Ellul qalet li l-incident sehh fit-*T-Junction* u cioe' fl-inkrocju bejn Louis Street u School Street u mir-*rough sketch* fl-istess formola jidher li l-vettura ta' Ellul kienet ghadha kemm daret il-kantuniera u mhux imxiet tul ta' hames vetturi fi School Street kif hija sostniet meta xehdet qudiem dan it-Tribunal

It-Tribunal jidhirlu li l-inpatt sehh malli Diane Ellul daret minn St. Louis Street ghal School Street kif qed isostni l-konvenut. Huwa evidenti li School Street hija triq ptincipali fil-konfront ta' Louis Street u li ghalhekk il-konvenut kellu d-dritta. Huwa minnu li mir-*rough sketch* jidher li l-konvenut kien qed isuq lejn nofs it-triq, jekk mhux parzjalment *wrong side* izda fil-fehma tat-Tribunal dan il-fatt ma kienx kontributorju ghall-jincident. Il-kawza prossima tal-incident kien il-fatt li Diane Ellul harget minn triq laterali ghal fuq triq principali minghajr ma zammet *a proper lookout. Fil-fatt* hija stess stqarret li l-vettura tal-

konvenut ratha biss meta din kienet biswit il-vettura taghha.

It-Tribunal ghalhekk jidhirlu li Diane Ellul kienet unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li jifforma l-mertu tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrci bl-ispejjes jithallsu nterament mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------